

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 449/2012

tal-21 ta' Marzu 2012

li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward standards tekniċi regolatorji dwar informazzjoni għar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 21(4) tiegħu;

Billi:

- (1) F'konformità mal-oġġettivi ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni għall-kwalità tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa fl-Unjoni, għall-istabbiltà finanzjarja, għall-protezzjoni tal-konsumatur u l-investitur, dan ir-Regolament għandu jiżgura li l-informazzjoni li għandha titressaq lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) matul il-proċessi ta' reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni, hija provduta wara li jkunu segwiti regoli uniformi, sabiex l-AETS tkun tista' tagħmel deċizzjoni infurmata dwar ir-reġistrazzjoni jew iċ-ċertifikazzjoni ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.
- (2) Il-benefiċċji fuq terminu ta' żmien twil tal-informazzjoni addizzjonali huma mistennija li jkunu iktar minn kwalukwe kost addizzjonali potenzjali f'terminu ta' żmien qasir, f'termini tal-protezzjoni tal-investitur u tal-istabbiltà finanzjarja.
- (3) Dan ir-Regolament għandu jstabbilixxi l-informazzjoni li l-AETS għandha tirċievi bħala parti minn applikazzjoni għar-reġistrazzjoni minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Ċertu informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament tista' ma tkunx applikabbli għal aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tkun għadha kemm ġiet stabbilita minħabba li setgħet applikat għal eżenzjoni, nuqqas ta' esperjenza preċedenti fil-qasam tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew minħabba raġunijiet oħra. Dan ir-Regolament ma għandux joħloq ostakolu biex aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li għadhom kemm ġew stabbiliti jidħlu fis-suq. Minkejja dan, applikant għandu jipprovdi spjega ċara għaliex ma jkunx ressaq l-informazzjoni speċifika inkluża f'dik l-applikazzjoni.
- (4) Kwalunkwe informazzjoni sottomessa lill-AETS għandha tkun ipprovduta b'mod sostenibbli li jippermetti li

tinħażen għal użu fil-futur. Sabiex tkun iffaċilitata l-identifikazzjoni tal-informazzjoni sottomessa minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, id-dokumenti kollha għandhom ikunu identifikati b'numru ta' referenza.

- (5) Sabiex l-AETS tivvaluta jekk kwalunkwe kunflitt ta' interess li jirriżulta mill-attivitajiet u l-interessi kummerċjali tas-sidien ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jistax jaffettwa l-indipendenza ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tkun rikjesta tagħti informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-sidien tagħha u s-sjeda tal-impriża prinċipali.

- (6) Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi informazzjon dwar il-kompożizzjoni, l-iffunzjonar u l-indipendenza tal-korpi tal-maniġment tagħha sabiex l-AETS tkun tista' tivvaluta jekk l-istruttura ta' governanza korporattiva tiżgurax l-indipendenza tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u tevitax kunflitti ta' interess.

- (7) Sabiex l-AETS tkun tista' tivvaluta r-reputazzjoni tajba kif ukoll l-esperjenza u l-ħiliet tal-maniġment superjuri, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi l-curriculum vitae, rekord kriminali riċenti u awtodikjarazzjonijiet dwar ir-reputazzjoni tajba tal-maniġment superjuri tagħha.

- (8) Għall-finijiet tal-valutazzjoni kif kunflitti ta' interess huma eliminati jew immaniġġjati u ddivulgati, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'inventarju aġġornat tal-kunflitti eżistenti u potenzjali ta' interess li jkopru mill-inqas il-kunflitti li jirriżultaw mit-tweqqif ta' servizzi anċillari, l-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' klassifikazzjoni u l-interazzjoni ma' partijiet terzi relatati. Meta jkunu qed jiġu identifikati l-kunflitti ta' interess għall-inventarju, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tikkunsidra kunflitti ta' interess li jistgħu jirriżultaw minn entitajiet li jappertjenu għall-grupp globali ta' impriżi li hija tagħmel parti minnu. Għaldaqstant, għandhom ikunu kkunsidrati l-arranġamenti intragrupp li jikkonċernaw l-allokazzjoni ta' kompiti u l-forniment ta' servizzi anċillari minn entitajiet differenti fil-grupp ta' impriżi.

- (9) Għalkemm il-fergħat tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Unjoni mhumiex persuni ġuridiċi, dawk l-aġenziji għandhom jipprovdu informazzjoni separata dwar il-fergħat tagħhom li tippermetti lill-AETS tidentifika b'mod ċar il-pożizzjoni tal-fergħat fl-istruttura

⁽¹⁾ ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

organizzazzjonali, tivvaluta kemm il-maniġment superjuri tal-fergħat huwa kompetenti u adegwat u tevalwa jekk il-mekkaniżmi ta' kontroll, il-konformità u funzjonijiet oħra li jinsabu fis-seħħ, humiex meqjusa bħala robusti biżżejjed biex jidentifikaw, jevalwaw u jimmaniġġjaw ir-riskji tal-fergħat b'mod xieraq.

- (10) L-informazzjoni mitluba rigward il-kunflitti ta' interess possibbli mas-servizzi anċillari għandha tirreferi għan-negozji kollha tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li mhumix parti mill-attivitajiet ta' klassifikazzjoni.
- (11) Sabiex l-AETS tkun tista' tivvaluta jekk qafas regolatorju ta' pajjiż terz għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jistax ikun meqjus "bħala strinġenti daqs" ir-reġim li jinsab fis-seħħ fl-Unjoni, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li għandha l-intenzjoni li tapprova klassifikazzjonijiet maħruġa f'dak il-pajjiż terz għandha tipprovi lill-AETS b'informazzjoni ddettaljata dwar il-qafas regolatorju tal-pajjiż terz u kif jikkompara għar-reġim fis-seħħ fl-Unjoni. Meta din l-informazzjoni diġà hija disponibbli għall-AETS minn applikazzjonijiet oħra għall-approvazzjoni, u l-AETS tieħu l-pożizzjoni li l-qafas regolatorju tal-pajjiż terz jista' jitqies strinġenti daqs ir-reġim li jinsab fis-seħħ fl-Unjoni, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li applikaw għandhom ikunu eżenti mit-tressiq ta' din l-informazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu applikanti għandhom juru li t-twertiq ta' attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz li jirriżultaw fil-ħruġ tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li għandha tkun approvata, jissodisfa r-rekwiżiti skont ir-reġim tal-pajjiż terz u li hemm proċeduri li jimmonitorjaw it-twertiq tal-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' pajjiż terz.
- (12) Dan ir-Regolament għandu jstabbilixxi l-informazzjoni li l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi fl-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tagħha u għall-valutazzjoni tal-importanza sistemika tagħha għall-istabilità finanzjarja jew l-integrità tas-swieq finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. L-importanza sistemika tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u l-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tagħha għall-istabilità ta' Stat Membru wieħed jew aktar, għandha tkun imkejla f'dan ir-Regolament f'termini tad-daqs tal-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tagħha u l-interkonnettività tal-utenti tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu fl-Unjoni.
- (13) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji mill-AETS lill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾.
- (14) L-AETS għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit taħt l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

SUĠĠETT

Artikolu 1

Is-Suġġett

Dan ir-Regolament jstabbilixxi r-regoli li jiddeterminaw l-informazzjoni li għandha tkun ipprovdata lill-AETS mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fl-applikazzjoni tagħha għal:

- (a) reġistrazzjoni, kif stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009; jew
- (b) ċertifikazzjoni jew għal valutazzjoni tal-importanza sistemika tagħha għall-istabilità finanzjarja jew għall-integrità tas-swieq finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

KAPITOLU 2

REĠISTRAZZJONI

TAQSIMA 1

Ġenerali

Artikolu 2

Format tal-applikazzjoni

1. Applikazzjoni għal reġistrazzjoni għandha tkun ipprovdata fi strument li jaħżen informazzjoni b'mod aċċessibbli għal referenza futura u li jippermetti r-riproduzzjoni bla bidliet tal-informazzjoni maħżuna.
2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tagħti numru ta' referenza uniku għal kull dokument li tippreżenta. Hija għandha tiżgura li l-informazzjoni li tippreżenta tidentifika b'mod ċar għal liema rekwiżit speċifiku ta' dan ir-Regolament tirreferi u f'liema dokument hija pprovdata dik l-informazzjoni. L-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tippreżenta t-tabella stabbilita fl-Anness I bħala parti mill-applikazzjoni tagħha biex tidentifika b'mod ċar id-dokument li fiha hija pprovdata l-informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament.
3. Jekk rekwiżit ta' dan ir-Regolament ma japplikax għal applikazzjoni tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu l-aġenzija għandha tiddikjara dan fit-tabella stabbilita fl-Anness I u tipprovdi spjegazzjoni.
4. Meta grupp ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu japplika għal reġistrazzjoni, l-applikazzjoni għandha tidentifika b'mod ċar kull aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li għaliha tapplika l-informazzjoni. Meta l-istess informazzjoni tapplika għal iktar minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu waħda fil-grupp ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, bl-għan li timtela t-tabella tal-Anness I, għandu jingħata l-istess numru ta' referenza għall-informazzjoni komuni.

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

Artikolu 3

Attestazzjoni tal-preċiżjoni u l-kompletezza tal-applikazzjoni

Kwalunkwe informazzjoni sottomessa lill-AETS matul il-proċess ta' reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ittra ffirmata minn membru tal-maniġment superjuri tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew minn rappreżentant awtorizzat mill-maniġment superjuri, bħala attestazzjoni li safejn jafu bl-aħjar mod huma, l-informazzjoni ppreżentata hija preċiża jew kompluta, fid-data tat-tressiq tagħha.

Artikolu 4

Numru ta' impjegati

Kwalunkwe informazzjoni rigward l-għadd ta' impjegati għandha tkun ipprovduta fuq bażi ekwivalenti għal full-time ikkalkulata bħala t-total ta' sigħat maħduma diviżi bl-għadd ta' sigħat massimi suġġett għal kumpens f'sena ta' ħidma kif definit mil-liġi nazzjonali rilevanti.

Artikolu 5

Klassi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Kwalunkwe informazzjoni fir-rigward tal-klassi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu għandha tuża l-klassijiet ta' klassifikazzjonijiet li ġejjin:

- (a) klassifikazzjonijiet sovrani u ta' finanzi pubbliċi;
- (b) klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati;
- (c) klassifikazzjonijiet korporattivi:
 - (i) istituzzjoni finanzjarja inklużi l-istituzzjonijiet tal-kreditu u d-ditti tal-investment;
 - (ii) impriża tal-assigurazzjoni;
 - (iii) emittent korporattiv li mhux meqjus istituzzjoni finanzjarja jew impriża tal-assigurazzjoni.

Artikolu 6

Politiki u proċeduri

1. Politiki u proċeduri pprovduti f'applikazzjoni għandhom jinkludu jew ikunu akkumpanjati minn:

- (a) indikazzjoni ta' min hu responsabbli għall-approvazzjoni u l-manutenzjoni tal-politiki u l-proċeduri;
- (b) deskrizzjoni dwar kif il-konformità mal-politiki u l-proċeduri se jkunu infurzati u mmonitorjati u min huwa responsabbli għal dan;
- (c) deskrizzjoni tal-miżuri li ttieħdu fil-każ ta' ksur tal-politiki;
- (d) indikazzjoni tal-proċedura għar-rapportar lill-AETS ta' ksur materjali tal-politika jew il-proċedura li tista' tirriżulta fi ksur tal-kundizzjonijiet għal reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni inizjali.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tista' taqdi l-obbligu tagħha li tipprovi informazzjoni rigward il-politiki tagħha skont dan ir-Regolament billi tippreżenta kopja tal-politiki u l-proċeduri rilevanti.

Artikolu 7

Identifikazzjoni, status legali u klassi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovi lill-AETS b':

- (a) l-informazzjoni elenkata fl-Anness II għal dan ir-Regolament;
- (b) silta mir-reġistru tal-qorti jew kummerċjali rilevanti, jew forma oħra ta' evidenza tal-post tal-inkorporazzjoni u ambitu tal-attività kummerċjali tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, mid-data tal-applikazzjoni.

TAQSIMA 2

Struttura tas-sjeda

Artikolu 8

Sidien u impriża prinċipali ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovi lill-AETS bi

- (a) lista għal kull persuna li direttament jew indirettament għandhom 5 % jew iktar tal-kapital tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew ta' drittijiet ta' votazzjoni jew li s-sehem tagħhom jagħmilha possibbli li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;

(b) l-informazzjoni stabbilita fil-punti 1 u 2 tal-Anness III fir-rigward ta' kull persuna tali.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovi wkoll l-informazzjoni li ġejja lill-AETS:

- (a) lista ta' kwalunkwe impriża li fiha persuna msemija fil-paragrafu 1 għandha 5 % jew iktar tal-kapital jew drittijiet tal-votazzjoni jew li teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-ġestjoni tagħha;
- (b) identifikazzjoni tal-attività kummerċjali tagħhom imsemmija fil-punt 3 tal-Anness III.

3. meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha impriża prinċipali, hija għandha:

- (a) tidentifika l-pajjiż fejn l-impriża prinċipali hija stabbilita;
- (b) tindika jekk l-impriża prinċipali hijiex awtorizzata jew reġistrata u jekk hijiex suġġetta għal superviżjoni.

Artikolu 9

Tabella tas-sjeda

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovi lill-AETS b'tabella li turi r-rabtiet ta' sjeda bejn kwalunkwe impriża prinċipali, sussidjarji u kwalunkwe entità assoċjata oħra stabbilita fl-Unjoni u l-fergħat tagħhom. L-impriżi murija fit-tabella għandhom ikunu identifikati mill-isem sħiħ tagħhom, l-istatus legali u l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat jew l-uffiċċju prinċipali.

TAQSIMA 3

Struttura organizzazzjonali u governanza korporattiva

Artikolu 10

Skeda Organizzazzjonali

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bi skeda organizzazzjonali bid-dettalji tal-istruttura organizzazzjonali, inkluża identifikazzjoni ċara tar-rwoli sinifikanti u l-identità tal-persuna responsabbli għal kull irwol sinifikanti. Irwoli sinifikanti għandhom jinkludu mill-inqas lill-maniġment superjuri, il-persuni li jidderiġu l-attivitajiet tal-fergħat u l-analisti superjuri tal-klassifikazzjoni. Meta l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ttwettaq servizzi anċillari, l-iskeda organizzazzjonali għandha tagħti dettalji wkoll tal-istruttura organizzazzjonali tagħha fir-rigward ta' dawk is-servizzi.

Artikolu 11

Struttura organizzazzjonali

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'informazzjoni rigward il-politiki tagħha u l-proċeduri relatai mal-funzjoni tal-konformità tagħha kif stipulat fil-punt 5 tat-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, tal-funzjoni ta' revizzjoni kif stabbilit fil-punt 9 tat-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u l-informazzjoni rigward il-politiki u l-proċeduri tagħha stabbiliti biex jintlaħqu r-rekwiżiti stipulati fil-punti 4 sa 10 tat-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

L-informazzjoni pprovduta skont dan il-paragrafu għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness IV il-punti 1, 3 u 4.

2. Meta l-politiki u l-proċeduri msemija fil-paragrafu 1 jitwettqu fil-livell ta' grupp ta' impriżi, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi wkoll lill-AETS bl-informazzjoni stabbilita fl-Anness IV, il-punt 2.

3. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi wkoll lill-AETS bl-informazzjoni stabbilita fl-Anness X.

Artikolu 12

Governanza korporattiva

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'informazzjoni rigward il-politiki ta' governanza korporattiva interna tagħha u l-proċeduri u t-termini ta' referenza li jirregolaw lill-maniġment superjuri tagħha, inkluż il-bord amministrattiv jew superviżorju, il-membri indipendenti tagħha u fejn stabbilit, il-kumitati.

2. Meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu taderixxi ma' kodiċi ta' kondotta rikonoxxut ta' governanza korporattiva, hija għandha tidentifika l-kodiċi u tipprovdi spjegazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni meta tiddevja mill-kodiċi.

3. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi l-informazzjoni stabbilita fil-punti 1 u 2 tal-Anness V dwar il-membri tal-bord amministrattiv jew superviżorju tagħha.

4. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'kopja tad-dokumenti msemija fil-punt 3 tal-Anness V.

TAQSIMA 4

Riżorsi finanzjarji għat-twettiq ta' attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu

Artikolu 13

Rapporti finanzjarji

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'kopja tar-rapporti finanzjarji annwali, inklużi rapporti finanzjarji individwali u kkonsolidati fejn applikabbli għat-tliet snin finanzjarji qabel id-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni safejn disponibbli. Meta r-rapporti finanzjarji tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jkunu suġġetti għal awditu statutorju skont it-tifsira mogħtija fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati ⁽¹⁾, ir-rapporti finanzjarji għandhom jinkludu r-rapport tal-awditu dwar ir-rapport finanzjarju annwali u kkonsolidat.

2. Meta r-rapporti finanzjarji msemija fil-paragrafu 1 ma jkunux disponibbli għall-perjodu ta' żmien rikjest, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'rapport finanzjarju interim.

3. Meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun sussidjarja ta' grupp ta' impriżi, hija għandha tipprovdi r-rapporti finanzjarji annwali tal-impriża prinċipali għat-tliet snin finanzjarji li jiġu qabel id-data tat-tressiq tal-applikazzjoni tagħha.

4. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'deskrizzjoni tal-miżuri li adottat biex tiżgura proċedura ta' kontabbiltà soda.

TAQSIMA 5

Persunal u kumpens

Artikolu 14

Politiki u proċeduri dwar il-persunal

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'informazzjoni rigward il-politiki u l-proċeduri li ġejjin:

(a) tirrapporta lill-uffiċjal tal-konformità dwar kwalunkwe sitwazzjoni meta waħda mill-persuni msemija fil-punt 1 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tqis li kwalunkwe persuna oħra tali hija impenjata b'mod li hu/hi tqis illegali, skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 5 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;

(b) ir-rotazzjoni tal-analisti tal-klassifikazzjoni ewlenin, tal-analisti tal-klassifikazzjoni u l-persuni li japprovaw il-klassifikazzjoni tal-kreditu;

⁽¹⁾ ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.

- (c) il-prattiki tal-kumpens u tal-ewalwazzjoni l-prestazzjoni għall-analisti tal-klassifikazzjoni, persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, il-maniġment superjuri u l-uffiċjal tal-konformità;
- (d) it-taħriġ u l-iżvilupp rilevanti għall-proċess tal-klassifikazzjoni inkluża kwalunkwe eżaminazzjoni jew tip ieħor ta' valutazzjoni formali meħtieġa sabiex jitwettqu attivitajiet ta' klassifikazzjoni.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b':

- (a) deskrizzjoni tal-miżuri fis-seħħ biex timmitiga r-riskju ta' dipendenza żejda fuq impjegati individwali;
- (b) għal kull klassi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, informazzjoni dwar id-daqs u l-esperjenza tat-timijiet kwantitattivi responsabbli għall-iżvilupp u r-reviżjoni tal-metodoloġiji u l-mudelli;
- (c) l-isem u l-funzjoni ta' kwalunkwe impjegat tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li għandu obbligi, jew individwali jew fisem l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, għal kwalunkwe entità oħra fil-grupp tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;
- (d) ir-remunerazzjoni annwali medja fissa u varjabbli tal-analisti tal-klassifikazzjonijiet, tal-analisti ewlenin u tal-uffiċjal ta' konformità għal kull waħda mit-tliet snin finanzjarji preċedenti.

3. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiddekrivi l-arranġamenti fis-seħħ biex tiżgura li tkun infurmata meta analist tal-klassifikazzjoni jittermina/tittermina l-impjeg tiegħu/tagħha u jingħaqad/tingħaqad ma' entità tal-klassifikazzjoni kif stipulat fil-punt 6 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiddekrivi l-arranġamenti fis-seħħ biex tiżgura li l-persuni msemmija fil-punt 1 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 huma konxji tal-projbizzjoni stabbilita fil-punt 7 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

Artikolu 15

Kundizzjonijiet xierqa u adegwatezza

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'curriculum vitae, inkluża storja tal-impjeg b'dati rilevanti, identifikazzjoni tal-pożizzjonijiet li għandhom u deskrizzjoni tal-karigi okkupati għal kull waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) membri tal-maniġment superjuri;
- (b) persuni maħtura biex imexxu l-kummerċ tal-fergħat;
- (c) uffiċjali responsabbli għall-awditu intern, il-kontroll intern, il-funzjoni tal-konformità, il-valutazzjoni tar-riskju u l-funzjoni tar-reviżjoni.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull membru tal-maniġment superjuri tagħha:

- (a) rekord kriminali riċenti mill-pajjiż tal-oriġini tal-persuna rilevanti, sakemm l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti ma joħorġux dan il-fajl;
- (b) awtodikjarazzjoni tar-reputazzjoni tajba tagħhom inklużi mill-inqas id-dikjarazzjonijiet stabbiliti fl-Anness VI u ffirmata mill-individwu.

TAQSIMA 6

Ħruġ u reviżjoni tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Artikolu 16

Żvilupp, validazzjoni, reviżjoni u divulgazzjoni tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS, għal kull klassi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, b'livell għoli ta' deskrizzjoni tal-firxa ta' mudelli u metodoloġiji ewlenin użati biex ikunu ddeterminati l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni li ġejja rigward il-politiki u l-proċeduri tagħha ta':

- (a) informazzjoni rigward l-iżvilupp, il-validazzjoni u r-reviżjoni tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tagħha, inkluża għall-inqas l-informazzjoni stipulata fil-Punt 1 tal-Anness VII;
- (b) informazzjoni rigward id-divulgazzjoni tal-metodoloġiji tal-kreditu u deskrizzjonijiet ta' mudelli u suppożizzjonijiet tal-klassifikazzjoni ewlenin użati fl-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu kif stipulat fil-punt 5 tal-parti I tat-Taqsima E tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

Artikolu 17

Ħruġ ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni li ġejja:

- (a) in-nomenklaturi tal-klassifikazzjoni użati għal kull klassi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;
- (b) id-definizzjoni ta' kwalunkwe azzjoni ta' klassifikazzjoni u statuses użati mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;
- (c) il-politiki u l-proċeduri tagħha rigward il-ħruġ tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, inkluża għall-inqas l-informazzjoni stipulata fil-Punt 2 tal-Anness VII;
- (d) it-termini ta' referenza ta' kwalunkwe kumitat;
- (e) deskrizzjoni tal-arranġamenti fis-seħħ għad-divulgazzjoni ta' deċizzjoni tal-klassifikazzjoni, inkluża għall-inqas l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 3 tal-Anness VII;

(f) deskrizzjoni tal-proċeduri stabbiliti biex jiżguraw li metodoloġija hija applikata u implimentata b'mod konsistenti għall-klassijiet kollha tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, uffiċċji u reġjuni.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tidentifika kwalunkwe differenza bejn it-trattament ta' klassifikazzjonijiet mitluba u mhux mitluba fil-politiki u l-proċeduri pprovduti taħt il-punti (c) u (e) tal-paragrafu 1.

3. Meta l-proċess tal-klassifikazzjoni jkun awditjat b'mod regolari minn parti terza indipendenti, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-aħħar rapport tal-awditu.

4. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni li ġejja:

- (a) dettalji u kriterji għall-għażla tal-fornituri tad-dejta;
- (b) dettalji dwar l-affidabbiltà ta' input ta' dejta interna u esterna fil-mudelli tal-klassifikazzjoni;
- (c) dettalji tas-sorsi tad-dejta użati.

Artikolu 18

Monitoraġġ tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'informazzjoni rigward il-politiki u l-proċeduri tagħha ta':

- (a) il-monitoraġġ ta' klassifikazzjonijiet, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe differenza bejn klassifikazzjonijiet mitluba u dawk mhux mitluba, u inkluża mill-inqas l-informazzjoni stabbilita fil-Punt 4 tal-Anness VII;
- (b) id-divulgazzjoni tad-deċiżjoni għar-reviżjoni jew bidla tal-klassifikazzjoni;
- (c) il-monitoraġġ tal-impatt tal-bidliet tal-kundizzjonijiet makroekonomiċi jew tas-sweiq finanzjarji fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu kif deskritt fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

TAQSIMA 7

Deskrizzjoni tal-ħruġ u proċeduri u metodoloġiji ta' reviżjoni

Artikolu 19

Rekwiżiti ta' preżentazzjoni tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni rigward il-punti li ġejjin:

- (a) il-politiki u l-proċeduri fir-rigward tar-rekwiżiti tad-divulgazzjoni tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu stipulati fid-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009:
 - (i) il-paragrafi 1, 2 u 5 tal-Artikolu 10;
 - (ii) il-parti I tat-Taqsima D tal-Anness 1;

(b) meta l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tikklassifika strumenti strutturati, il-politiki u l-proċeduri fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009:

- (i) l-Artikolu 10(3);
- (ii) il-punt 4 tat-Taqsima B tal-Anness I;
- (iii) il-parti II tat-Taqsima D tal-Anness I;
- (c) kampjuni ta' rapporti tipiċi ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu jew dokumenti oħra li juru kif l-aġenzija tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tissodisfa jew għandha l-intenzjoni li tissodisfa dawk ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni; kif ukoll
- (d) kampjuni ta' ittri tipiċi ta' klassifikazzjoni għal kull klassi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu prodotti mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

TAQSIMA 8

Kunflitti ta' interess

Artikolu 20

Indipendenza u evitar ta' kunflitti ta' interess

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'informazzjoni rigward il-politiki u l-proċeduri tagħha fir-rigward tal-identifikazzjoni, il-ġestjoni u d-divulgazzjoni ta' kunflitti ta' interess u r-regoli dwar l-analisti tal-klassifikazzjoni u persuni oħra involuti direttament fl-attivitatiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li jkopru mill-inqas ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VIII.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiddekrivi l-proċess użat biex tiżgura li l-persuni rilevanti huma konxji mill-politiki u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiddekrivi l-arranġamenti fis-seħħ biex jiżguraw li l-funzjoni ta' reviżjoni responsabbli għar-reviżjoni tal-metodoloġiji stipulata fil-punt 9 tat-Taqsima A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 hija indipendenti mil-linji kummerċjali li huma responsabbli għall-attivitatiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

3. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiddekrivi l-kontrolli fis-seħħ, inklużi l-kontrolli implimentati permezz ta' sistemi ta' informazzjoni, sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar in-negozjat ta' tariffi u r-regoli dwar persuni involuti fl-attivitatiet ta' klassifikazzjoni.

4. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiddekrivi kwalunkwe miżura oħra u l-kontrolli fis-seħħ biex tiżgura l-indipendenza tal-analisti tal-klassifikazzjoni.

Artikolu 21

Inventarju ta' kunflitti ta' interess

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'inventarju aġġornat tal-kunflitti eżistenti u potenzjali rilevanti għaliha. Meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun parti minn grupp ta' impriżi, għandha tinkludi fl-inventarju kwalunkwe kunflitti ta' interess li jirriżultaw minn entitajiet oħra li jappartjenu għall-grupp ta' impriżi tagħha.

2. L-inventarju ta' kunflitti ta' interess eżistenti u potenzjali għandu jidentifika l-kunflitti ta' interess potenzjali li ġejjin:

- (a) kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali ma' partijiet terzi relatati;
- (b) kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali li jirriżulta mit-tweġġ ta' servizzi anċillari u l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni esternalizzati.

3. L-inventarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jispjega kif il-kunflitti ta' interess potenzjali għandhom ikunu eliminati jew immaniġġjati u divulgati.

Artikolu 22

Kunflitti ta' interess fir-rigward ta' servizzi anċillari

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'deskrizzjoni tar-riżorsi, kemm umani kif ukoll tekniċi, kondiviżi mas-servizzi tal-klassifikazzjoni u s-servizzi anċillari tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew kondiviżi mal-grupp ta' impriżi li tappartjeni għalih.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiddekrivi l-arranġamenti fis-seħħ li jevitaw, jiddivulgaw u jimmitigaw kwalunkwe kunflitt potenzjali jew eżistenti bejn l-interessi tan-negozju tal-klassifikazzjoni u s-servizzi anċillari.

3. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'kopja tar-riżultati ta' kwalunkwe valutazzjoni interna mwettqa biex tidentifika kwalunkwe kunflitt ta' interess eżistenti jew potenzjali bejn in-negozju tal-klassifikazzjoni u s-servizzi anċillari.

TAQSIMA 9

Programm ta' operazzjonijiet

Artikolu 23

Informazzjoni rigward il-programm ta' operazzjonijiet

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni annwali deskritta fl-Anness IX li tkopri perjodu ta' 3 snin wara d-data ta' reġistrazzjoni.

TAQSIMA 10

Użu ta' approvazzjoni

Artikolu 24

Użu mistenni tal-approvazzjoni

Meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha l-intenzjoni li tapprova l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa f'pajjiżi terzi kif stipulat fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, hija għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni stipulata fl-Anness XI.

TAQSIMA 11

Esternalizzazzjoni

Artikolu 25

Rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni

1. Meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu testernalizza kwalunkwe funzjoni operazzjonali importanti, hija għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-politiki tagħha fir-rigward tal-esternalizzazzjoni;
- (b) spjegazzjoni dwar kif għandha l-intenzjoni li tidentifika, timmaniġġja u timmonitorja r-riskji maħluqa mill-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet operazzjonali importanti;
- (c) kopja tal-ftehim tal-esternalizzazzjoni bejn l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u l-entità li lilha jkunu ġew esternalizzati l-attivitajiet;
- (d) kopja ta' kwalunkwe rapport intern jew estern dwar l-attivitajiet esternalizzati maħruġ fl-aħħar 5 snin.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, funzjonijiet operazzjonali importanti għandhom jinkludu reviżjoni tar-klassifikazzjoni, analista ewlieni, l-iżvilupp u r-reviżjoni tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni, approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, kontroll intern tal-kwalità, ħżin ta' dejta, sistemi tal-IT, appoġġ tal-IT u kontabilità.

KAPITOLU 3

ĊERTIFIKAZZJONI

TAQSIMA 1

Applikazzjoni għal ċertifikazzjoni

Artikolu 26

Informazzjoni għal applikazzjoni għal ċertifikazzjoni

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-informazzjoni ġenerali mitluba fil-punti 1 sa 10 tal-Anness II;
- (b) l-informazzjoni rigward is-sidien tagħha msemmija fl-Artikolu 8;
- (c) l-iskeda organizzazzjonali msemmija fl-Artikolu 10;
- (d) dettalji dwar l-arranġamenti fis-seħħ li jevitaw, jiddivulgaw u jimmitigaw kwalunkwe kunflitt potenzjali jew eżistenti bejn in-negozju tal-klassifikazzjoni u s-servizzi anċillari;
- (e) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 rigward ir-riżorsi finanzjarji tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni rigward l-attivitajiet kummerċjali tagħha:

- (a) għat-tliet snin preċedenti, l-għadd ta' impjegati ingaġġati u involuti fil-klassifikazzjoni u servizzi anċillari kemm permanenti kif ukoll temporanji;
- (b) jekk l-applikant għandu fergħa, l-għadd ta' impjegati involuti fil-klassifikazzjoni u n-negozju anċillari f'kull fergħa;

- (c) l-għadd ta' analisti tal-klassifikazzjoni ingaġġati mal-applikant inkluż, jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha fergħa l-għadd ta' analisti tal-klassifikazzjoni ingaġġati f'kull fergħa;
- (d) jekk aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu qed tippjana li tistabbilixxi fergħa ġdida, deskrizzjoni tat-tip ta' attivitajiet kummerċjali li l-fergħa l-ġdida mistennija tagħmel, l-isem sħiħ tagħha u l-indirizz u l-iskeda ta' żmien għall-istabbiliment tagħha;
- (e) jekk aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu qed tippjana li twettaq kwalunkwe servizz anċillari, deskrizzjoni tas-servizzi l-ġodda u l-iskeda ta' żmien għall-bidu tagħhom;
- (f) l-introjtu ġġenerat matul l-aħħar tliet snin mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mill-klassifikazzjonijiet u s-servizzi anċillari bħala proporzjon tal-introjtu totali, ippreżentat fuq bażi ta' sena finanzjarja;
- (g) jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jkollha fergħa waħda jew aktar, l-introjtu ġġenerat matul l-aħħar tliet snin minn kull fergħa bħala proporzjon tal-introjtu totali, ippreżentat fuq bażi ta' sena finanzjarja.
3. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha ttiprovdi lill-AETS ukoll bl-informazzjoni li ġejja rigward il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu li toħroġ jew li tipponi li toħroġ:
- (a) il-klassi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu;
- (b) in-nomenklaturi tal-klassifikazzjoni użati għal kull klassi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;
- (c) id-definizzjoni ta' kwalunkwe azzjoni ta' klassifikazzjoni u statuses użati mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;
- (d) dettalji dwar jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tipproduċi klassifikazzjonijiet mitluba jew mhux mitluba jew it-tnejn;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2012.

- (e) għal kull klassi ta' klassifikazzjoni, l-għadd ta' snin ta' esperjenza li għandha fil-produzzjoni ta' dawn il-klassifikazzjonijiet;
- (f) għal kull klassi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, il-proporzjoni attwali jew mistenni ta' klassifikazzjonijiet pubbliċi jew klassifikazzjonijiet privati.

4. L-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tindika jekk bħalissa għandhiex jew hijiex mistennija li tapplika għal status ta' Istituzzjoni Esterna tal-Valutazzjoni tal-Kreditu (ECAI) fi Stat Membru wieħed jew aktar u jekk inhu hekk għandha tidentifika l-Istat Membru rilevanti.

Artikolu 27

Rekwiżiti ġenerali għall-applikazzjoni għal ċertifikazzjoni

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiżgura li l-applikazzjoni tagħha tikkonforma mal-Artikoli 2 sa 6 rigward il-format tal-applikazzjoni tagħha, l-attestazzjoni tal-preċiżjoni tagħha, il-klassi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, l-għadd ta' impjegati u l-politiki u l-proċeduri pprovduti lill-AETS.

TAQSIMA 2

Importanza sistemika

Artikolu 28

Importanza sistemika

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha ttiprovdi lill-AETS bl-informazzjoni stipulata fl-Anness XII dwar l-importanza sistemika tal-klassifikazzjonijiet u l-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħha għall-istabbiltà finanzjarja jew għall-integrità tas-swieġ finanzjarji fi Stat Membru wieħed jew aktar.

KAPITOLU 4

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

REFERENZI TAD-DOKUMENT

(Artikolu 2)

Artikolu jew Anness għal dan ir-Regolament	Numru ta' referenza tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu	It-titolu tad-dokument	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn l-informazzjoni hija pprovduta jew raġuni għalfejn l-informazzjoni mhix ipprovduta
...			
...			
...			
...			

ANNEX II

INFORMAZZJONI ĠENERALI

(Artikolu 7)

1. Isem sħiħ
 2. Pajjiż ta' stabbiliment
 3. Indirizz tal-uffiċċju reġistrat
 4. Status legali
 5. Fir-rigward tal-persuna/i ta' kuntatt għall-finijiet tal-applikazzjoni:
 - (a) isem;
 - (b) titolu;
 - (c) indirizz;
 - (d) indirizz elettroniku;
 - (e) numru tat-telefown.
 6. Fir-rigward tal-Uffiċjal tal-Konformità
 - (a) isem;
 - (b) titolu;
 - (c) indirizz;
 - (d) indirizz elettroniku;
 - (e) numru tat-telefown.
 7. Deskrizzjoni tal-attivitajiet kummerċjali li tagħmel l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, inklużi servizzi anċillari, u jekk għandha fergħa waħda jew iktar jew sussidjarji, in-negozju li tkun għamlet kull fergħa jew sussidjarja.
 8. Identifikazzjoni tal-klassi ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu skont il-kategoriji speċifikati fl-Artikolu 5 li l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tapplika biex tkun reġistrata għalihom.
 9. Identifikazzjoni tas-swieq regolati fejn hija elenkata l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, jekk applikabbli.
 10. Rapporti finanzjarji:
 - (a) indikazzjoni dwar jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu hiji entità awditjata;
 - (b) jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu hija awditjata, isem tal-awditur estern u n-numru ta' reġistrazzjoni nazzjonali tal-awditur estern;
 - (c) id-data tat-tmiem tas-sena finanzjarja.
 11. L-għadd ta' impjegati (minbarra impjegati fil-fergħat) fid-data tal-applikazzjoni u fi tmiem kull waħda mit-tliet snin finanzjarji l-iktar riċenti, irrapportati fil-kategoriji li ġejjin:
 - (a) impjegati temporanji;
 - (b) impjegati permanenti b'inqas minn ħames snin servizz;
 - (c) impjegati permanenti b'ħames snin servizz jew aktar.
 12. Jekk aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha fergħat, fir-rigward ta' kull waħda mill-fergħat:
 - (a) isem sħiħ;
 - (b) stat legali;
 - (c) indirizz; kif ukoll
 - (d) l-għadd ta' impjegati temporanji jew tal-impjegati permanenti.
 13. Lista ta' pajjiżi li minnhom l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha l-intenzjoni li taprova l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.
-

ANNEX III

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN IPPREŻENTATA GĦALL-ISTRUTTURA TAS-SJIEDA

(Artikolu 8)

1. Identifikazzjoni tas-sidien tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 8(1) bil-livell ta' dettall li ġej:

Sid	Perċentwal mill-kapital	Natura tal-holding: Dirett jew indirett	Perċentwal tad-drittijiet tal-vot	
...	...			
...	...			
...	...			

2. Deskrizzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tas-sidien tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 8(1):

Sid	Attivitajiet kummerċjali
...	...
...	...
...	...

3. Identifikazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tal-kumpaniji li għandhom interess fihom is-sidien imsemmija fl-Artikolu 8(1) skont l-Artikolu 8(2):

Sid	Kumpaniji li fihom is-sid għandu interess skont l-Artikolu 8(2)	Attivitajiet kummerċjali
...	...	
...	...	
...	...	

4. Identifikazzjoni tas-sidien tal-impriża prinċipali msemmija fl-Artikolu 8(3):

Sid	Perċentwal mill-kapital	Natura tal-holding: Dirett jew indirett	Perċentwal tad-drittijiet tal-vot	Natura tal-holding: Dirett jew indirett
...	...			
...	...			
...	...			

ANNEX IV

STRUTTURA ORGANIZZATTIVA

(Artikolu 11)

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja rigward il-politiki u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 11(1):
 - (a) deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-impjegati;
 - (b) deskrizzjoni tal-mekkaniżmi li jimmonitorjaw l-effettività tal-politika jew il-proċedura;
 - (c) l-għadd ta' impjegati, il-proporzjon ta' impjegati temporanji għal dawk permanenti;
 - (d) informazzjoni dwar il-linji ta' rapportar u l-frekwenza tar-rapportar; kif ukoll
 - (e) deskrizzjoni tal-interazzjoni bejn il-funzjoni rilevanti u l-impjegati direttament involuti fil-proċess ta' klassifikazzjoni u bejn dik il-funzjoni u kwalunkwe funzjoni oħra.
2. Meta l-arranġamenti msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Anness jitwettqu fil-livell ta' grupp ta' impriżi, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS b'kopja tal-ftehimiet tal-livell ta' servizz rilevanti li tkun daħlet fihom jew li tippopponi li tidħol fihom, ma' membri oħra tal-grupp u bl-informazzjoni li ġejja:
 - (a) deskrizzjoni tal-kompiti rilevanti mwettqa minn kull grupp ta' impriżi inklużi impriżi li jinsabu f'pajjiżi terzi;
 - (b) identifikazzjoni ċara tal-impriża involuta fit-twettiq tal-kompitu u speċifikazzjoni tal-lokalità tagħha;
 - (c) informazzjoni dwar il-linji tar-rapportar u l-frekwenza tar-rapportar ta' kull entità involuta u dwar il-mod kif tingħbara l-informazzjoni minn kull entità; kif ukoll
 - (d) informazzjoni dwar kwalunkwe riżors iddedikat fl-Unjoni. Fil-każ tar-riżorsi umani, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tispeċifika l-ħin iddedikat għal din il-funzjoni abbażi ta' ekwivalenza ta' xogħol full-time.
3. Fir-rigward tal-funzjoni ta' konformità, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-politiki u l-proċeduri dwar ir-rapportar ta' informazzjoni kif deskritt fil-punt 5 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;
 - (b) deskrizzjoni dwar kif tiżgura l-indipendenza tal-funzjoni tal-konformità;
 - (c) l-iktar rapport riċenti tal-uffiċjal tal-konformità;
 - (d) pjan ta' ħidma għat-tliet snin li ġejjin.
4. Fir-rigward tal-funzjoni tal-awditu intern it-twettiq tal-kompiti deskritti fil-punt 10 tat-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) spjegazzjoni ta' kif il-metodoloġija tal-awditu intern hija żviluppata u applikata f'konformità mal-fatturi speċjali tal-attivitajiet tagħha u l-estent, il-kumplessità u r-riskji tagħhom;
 - (b) pjan ta' ħidma għat-tliet snin li ġejjin.

ANNEX V

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN IPPREŻENTATA FIR-RIGWARD TAL-GOVERNANZA KORPORATTIVA

(Artikolu 12)

1. Identifikazzjoni tal-membri tal-bord amministrattiv jew superviżorju u kumitati oħra kif stabbilit fl-Artikolu 12(3):

Identifikazzjoni tal-membri	Entità (bord amministrattiv, bord superviżorju, kumitat tal-awditu, kumitat tar-rimunerazzjonijiet, eċċ) u pożizzjoni (President, Viċi President, membru)	Entità ta' impriżi oħra fejn il-persuna hija membru u l-pożizzjoni
...	...	
...	...	
...	...	

2. Identifikazzjoni tal-membri indipendenti tal-bord amministrattiv jew superviżorju kif stabbilit fl-Artikolu 12(3) u ġustifikazzjoni tal-indipendenza tagħhom jekk huma membri indipendenti u tal-għarfien fid-dettall tagħhom u l-esperjenza flivell superjuri tas-suq fi strumenti finanzjarji strutturati, fejn l-aġenzija tal-kreditu taplika biex toħroġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu ta' strumenti finanzjarji strutturati, skont it-Taqsima A(2) tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009:

Identifikazzjoni tal-membri	Entità (Bord amministrattiv jew superviżorju)	Membru indipendenti (IVA/LE) u jekk IVA, ipprovdni ġustifikazzjoni	Esperjenza fi strumenti finanzjarji strutturati (IVA/LE) jekk IVA, ipprovdni ġustifikazzjoni
...	...		
...	...		
...	...		

3. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tipprovdni lill-AETS b'kopja tad-dokumenti li ġejjin kif stabbilit fl-Artikolu 12(4):

- l-aħħar tliet settijiet ta' minuti tal-laqgħat tal-bord amministrattiv u superviżorju;
- l-iktar minuti riċenti tal-laqgħat ta' kwalukwe kumitat ieħor, bħall-kumitati tar-rimunerazzjoni jew tal-istrateġija; kif ukoll
- l-iktar tliet opinjonijiet jew rapporti riċenti ppreżentati lill-bord amministrattiv jew superviżorju mill-membri indipendenti.

ANNEX VI

AWTODIKJARAZZJONI*(L-Artikolu 15(2))*

Fl-awtodikjarazzjoni li għandha tkun ipprovduta skont l-Artikolu 15(2)(b), kull membru tal-maniġment superjuri għandu jiddikjara jekk il-persuna rilevanti taqax taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- (a) kinetx akkużata b'reat kriminali;
- (b) kinetx is-suġġett ta' jew kinetx innotifikata bi kwalunkwe proċedura ta' natura dixxiplinarja sottomessa minn entità regolatorja jew ta' natura kriminali;
- (c) kinetx is-suġġett ta' kwalunkwe sejba negattiva fi proċeduri ċivili b'konnessjoni mal-provvediment ta' servizzi finanzjarji, imġiba ħażina, frodi jew l-immaniġġjar ta' entità legali;
- (d) safejn taf hi kinetx suġġetta għal investigazzjoni eżistenti jew preċedenti minn kwalunkwe awtorità regolatorja jew entità jew aġenzija tal-gvern;
- (e) kinetx involuta f'impriża li r-reġistrazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tagħha kienet irtirata mill-entità regolatorja;
- (f) kinetx miċħuda d-dritt li twettaq attivitajiet li jirrikjedu reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni mill-entità regolatorja;
- (g) kinetx involuta fl-immaniġġjar ta' impriża li saret insolventi, ġiet illikwidata jew li tpoġġiet taħt amministrazzjoni filwaqt li din il-persuna kellha konnessjoni mal-impriża jew fi żmien sena minn meta l-persuna waqqfet il-konnessjoni mal-impriża;
- (h) kienet involuta f'impriża li kienet investigata jew sosiza minn entità regolatorja u li rriżultat f'azzjoni ta' infurzar;
- (i) kienet investigata, sospiża jew sanzjonata minn entità regolatorja;
- (j) kienet skwalifikata milli taġixxi bħala direttur, skwalifikata milli taġixxi fi kwalunkwe kapacià maniġerjali, kienet imkeċċija mill-impjeg jew kariga oħra f'impriża bħala konsegwenza ta' allegazzjonijiet ta' imġiba ħażina jew prattika ħażina.

ANNEX VII

ĦRUĠ U REVIŻJONI TAL-KLASSIFIKAZZJONIJIET TAL-KREDITU

(Artikoli 16, 17 u 18)

1. L-informazzjoni dwar il-politiki u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 16(2)(a) dwar l-iżvilupp, il-validazzjoni u r-reviżjoni tal-metodoloġji tal-klassifikazzjoni tas-CRA għandha tinkludi:
 - (a) ir-responsabbiltajiet u l-proċess għall-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni inklużi dettalji dwar il-kompożizzjoni tal-kumitati tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni u l-proċeduri għall-għażla tal-membri;
 - (b) ir-responsabbiltajiet u l-proċess għall-metodoloġija tal-klassifikazzjoni, inkluż:
 - (i) il-verifika u l-validazzjoni tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni;
 - (ii) il-validazzjoni tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni abbażi ta' dejta storika, inkluż kif inhuma kkunsidrati r-riżultati tal-ittestjar retrospettiv. Barra minn hekk, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tinkludi wkoll ir-riżultati ta' din il-validazzjoni/ittestjar retrospettiv tal-aħħar tliet snin fejn id-dejta kwantitattiva hija disponibbli;
 - (iii) ir-rapportar tal-eżitu tar-reviżjoni tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni; kif ukoll
 - (iv) l-implimentazzjoni ta' bidla fil-metodoloġija, il-mudell jew is-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni.
2. L-informazzjoni dwar il-politiki u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) dwar il-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu għandha tinkludi:
 - (a) is-sekwenza tal-passi segwiti għall-produzzjoni ta' klassifikazzjonijiet; il-proċess għal reviżjoni tad-dokumentazzjoni tal-emittent tat-titoli li se jiġu kklassifikati. Dan għandu jinkludi kwalunkwe bażi ta' referenza użat biex tkun faċilitata r-reviżjoni;
 - (b) valutazzjoni tar-reqwiżiti ta' informazzjoni minimi biex tinbeda jew tkun miżmuma klassifikazzjoni, inklużi kemm informazzjoni pubblika kif ukoll mhux pubblika;
 - (c) il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu, inkluż l-involvement tal-emittent/arranġatur/investitur/min jagħti servizz f'dan il-proċess;
 - (d) il-proċess għall-kollazzjoni, l-analiżi u l-valutazzjoni tal-informazzjoni użata għad-determinazzjoni ta' klassifikazzjoni, fejn applikabbli, affidabbiltà fuq analiżi minn aġenzija oħra tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew partijiet terzi oħra;
 - (e) ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-analisti tal-klassifikazzjoni kif ukoll il-proċess u l-proċeduri għall-għażla tagħhom għal titoli speċifiċi;
 - (f) il-proċess tal-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, inkluża l-identifikazzjoni tar-rwol u r-responsabbiltajiet tal-persuni li japprovaw il-klassifikazzjonijiet kif ukoll il-proċess u l-proċeduri għall-għażla tagħhom;
 - (g) meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun stabbilixxiet kumitati tal-klassifikazzjoni, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-presidenti tal-kumitati tal-klassifikazzjoni, kif ukoll il-ħiliet meħtieġa u l-proċess u l-proċeduri għan-nomina tagħhom; u
 - (h) il-kwalifiki minimi tal-persuni involuti fid-deċiżjoni tal-klassifikazzjoni.
3. L-informazzjoni dwar il-politiki u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 17(1)(e) dwar id-divulgazzjoni ta' deċiżjoni ta' klassifikazzjonijiet għandha tinkludi dawn li ġejjin:
 - (a) il-proċess għan-notifika tal-entità tal-klassifikazzjoni tal-motivi ewlenin li fuqhom hija bbażata l-klassifikazzjoni għall-inqas 12-il siegħa qabel il-pubblikazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;
 - (b) proċess ta' appell tal-klassifikazzjoni, jekk aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu implimentatu; kif ukoll
 - (c) il-proċessi li jiddeterminaw liema elementi ewlenin sostostanti għall-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom ikunu inklużi fl-istqarrija jew ir-rapporti għall-istampa.
4. L-informazzjoni dwar il-politiki u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 18(a) dwar il-monitoraġġ tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu għandha tinkludi:
 - (a) il-proċess ta' monitoraġġ, inklużi r-rwol u r-responsabbiltajiet ta' kumitati ta' klassifikazzjoni, fejn applikabbli u deskrizzjoni tal-proċessi tal-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni;
 - (b) ir-rwol u r-responsabbiltajiet ta' analisti ta' klassifikazzjoni;

- (c) il-proċess għall-ġbir, l-analiżi u l-valutazzjoni tal-informazzjoni wżata għall-monitoraġġ ta' klassifikazzjoni, inkluż fejn applikabbli, affidabbiltà fuq analiżi minn aġenzija oħra tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew partijiet terzi oħra;
- (d) il-proċess, inkluża l-analiżi tal-fatturi kkunsidrati, u r-responsabbiltajiet għad-deċiżjoni meta klassifikazzjoni għandha tkun formalment riveduta, inklużi azzjonijiet ta' klassifikazzjoni;
- (e) il-proċess u r-responsabbiltajiet sabiex jiġi deċiż meta klassifikazzjoni għandha tkun sospiża jew irtirata formalment;
- (f) il-proċessi u l-kontrolli fir-rigward ta' reviżjonijiet tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu rikjesti mill-paragrafi (a) sa (c) tal-Artikolu 8(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009; kif ukoll
- (g) il-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli għall-involvement tal-emittent jew tal-arranġatur fil-proċess.

ANNEX VIII

INDIPENDENZA U EVITAR TA' KONFLITTI TA' INTERESS

(Artikolu 20)

L-informazzjoni dwar il-politiki u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 20(1) dwar l-identifikazzjoni, il-ġestjoni u d-divulgazzjoni ta' konflitti ta' interess u r-regoli dwar analisti tal-klassifikazzjoni u persuni oħra involuti direttament fl-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom ikopru:

- (a) L-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, id-divulgazzjoni u l-mitigazzjoni ta' konflitti ta' interess li jirriżultaw mill-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu jew il-provvediment ta' servizzi anċillari kif stipulat fil-punt 1 tat-Taqsima B tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;
 - (b) is-segregazzjoni mill-proċess ta' klassifikazzjoni ta' diskussjonijiet relatati ma' tariffi mħallsa mill-entitajiet ikklassifikati u partijiet terzi relatati kif stipulat fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;
 - (c) id-determinazzjoni tat-tariffi tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għal entitajiet ikklassifikati u għal partijiet terzi relatati; il-kontroll tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba minn jew maqsuma mal-entitajiet ikklassifikati kollha, partijiet terzi relatati u individwi rilevanti oħra, kif rikjest mill-punt 3 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;
 - (d) ir-rekwiżiti stipulati fil-punt 2 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 rigward il-kummerċ ta' titoli kklassifikati mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew li huma titoli li jippreżentaw obbligi ta' entità kklassifikata minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, li tinkludi informazzjoni dwar kif aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tidentifika, għal kull klassifikazzjoni tal-kreditu pendent, l-impjegati involuti fil-proċess tal-klassifikazzjoni fi kwalunkwe livell jew funzjoni;
 - (e) ir-rekwiżit stabbilit fil-punt 4 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar l-aċċettazzjoni ta' flus, rigali jew favuri; kif ukoll
 - (f) ir-regoli dwar it-terminazzjoni tal-impjeg ta' analist tal-klassifikazzjoni stabbiliti fil-punti 6 u 7 tat-Taqsima C tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.
-

ANNEX IX

PROGRAMM TA' OPERAZZJONIJIET

(Artikolu 23)

Kunċett tan-negozju/Żvilupp tan-negozju

1. L-informazzjoni li ġejja tirrigwarda l-attivitajiet tan-negozju tas-CRA;
 - (a) deskrizzjoni tal-ambjent makroekonomiku li fih l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu hija mistennija li topera;
 - (b) indikazzjoni ta' pjanijiet futuri għall-istabbiliment ta' sussidjarji jew fergħat u l-lokalità tagħhom; kif ukoll
 - (c) deskrizzjoni ta' attivitajiet ta' negozju li l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tippjana li twettaq fejn tispesifika l-attivitajiet ta' sussidjarji jew fergħat. L-informazzjoni għandha tinkludi klassijiet ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu, klijenti potenzjali u attivitajiet mhux ta' klassifikazzjoni.

Klassi tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

2. L-informazzjoni li ġejja dwar il-klassi ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu:
 - (a) dettalji dwar jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tipproduċix klassifikazzjonijiet mitluba jew mhux mitluba jew it-tnejn;
 - (b) għal kull klassi ta' klassifikazzjoni pjanat li se tinħareġ mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, stima dwar il-proporzjon ta' klassifikazzjonijiet pubbliċi u klassifikazzjonijiet privati;
 - (c) l-għadd ta' klassifikazzjonijiet pubbliċi/sovrani;
 - (d) l-għadd u l-volum (f'biljuni ta' euro) ta' klassifikazzjonijiet ta' finanzjament strutturat;
 - (e) l-għadd u l-volum (f'biljuni ta' euro) ta' klassifikazzjonijiet korporattivi bid-dettall li ġej: istituzzjonijiet finanzjarji, assigurazzjoni u emittenti korporattivi; kif ukoll
 - (f) l-għadd medju ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu prodotti jew immonitorjati minn kull impjegat ippreżentat skont il-klassi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

Pjan finanzjarju

3. Projezzjonijiet għal:
 - (a) karta ta' bilanċ; kif ukoll
 - (b) rapport tal-introjt.
4. L-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tissepara l-introjti tal-attivitajiet tal-klassifikazzjoni mis-servizzi ancil-lari fil-projezzjonijiet għall-introjti. Jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha, jew qed tippjana li tistabbilixxi fergħat, l-introjtu minn kull fergħa għandu jkun indikat.

Governanza korporattiva

5. Għadd ta' membri tal-entitajiet li ġejjin:
 - (a) bord amministrattiv u superviżorju; kif ukoll
 - (b) membri indipendenti tal-bord amministrattiv u superviżorju.

Esternalizzazzjoni

6. Deskrizzjoni tal-attivitajiet ippjanati li jkunu esternalizzati u l-identifikazzjoni tal-entitajiet li l-attivitajiet huma pplanati li jkunu esternalizzati għandhom u spjega tal-motivi għall-esternalizzazzjoni. Jekk kwalunkwe attività tkun esternalizzata minn fergħa, dan għandu jkun indikat.

Riżorsi Umani/Persunal

7. Għadd ta' impjegati permanenti u temporanji li jaħdmu għall-funzjonijiet li ġejjin u l-ġerarkija tagħhom:
 - (a) manġment superjuri minbarra membri tal-bord amministrattiv jew superviżorju u persuni maħtura biex imexxu l-fergħat;
 - (b) il-funzjoni ta' awditjar;
 - (c) mekkaniżmu ta' kontroll intern;
 - (d) funzjoni tal-konformità; kif ukoll
 - (e) funzjoni ta' reviżjoni.

8. L-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-għadd ta' impjegati għal kull funzjoni/dipartiment;
- (b) l-għadd ta' impjegati temporanji u l-għadd ta' impjegati permanenti li għandhom kuntratt mal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u involuti fin-negozju tal-klassifikazzjoni;
- (c) l-għadd ta' impjegati temporanji u l-għadd ta' impjegati permanenti li għandhom kuntratt mal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u involuti fis-servizzi anċillari;
- (d) l-għadd ta' impjegati li japprovaw il-klassifikazzjonijiet, bħal presidenti ta' kumitati, analisti tal-klassifikazzjoni u analisti tal-klassifikazzjoni ewlenin, flimkien ma' informazzjoni dwar:
 - (i) il-ġerarkija jew il-grad;
 - (ii) it-tip ta' analist tal-klassifikazzjoni fejn rilevanti, jekk l-impjegat huwa analista primarju jew ta' sorveljanza u analista kwalitattiv jew kwantitattiv; kif ukoll
 - (iii) l-għadd ta' snin ta' esperjenza fl-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, jew industrija tal-klassifikazzjoni fejn disponibbli.

ANNEX X

ŻAMMA TA' REKORDS, IPPJANAR TAL-KONTINWITÀ TAN-NEGOZJU U SISTEMI TA' INFORMAZZJONI

(Artikolu 11)

Żamma tar-rekords

1. Informazzjoni rigward il-politiki u l-proċeduri dwar l-obbligi taż-żamma ta' rekords stipulati fl-Artikolu 8(4) u l-punt 7 tat-Taqsima A u l-punti 7, 8 u 9 tat-Taqsima B tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009:
 - (a) indikazzjoni li fuqha jinżammu r-rekords u għal kemm żmien; kif ukoll
 - (b) identifikazzjoni tar-riċevituri ta' informazzjoni kunfidenzjali għal kull klassifikazzjoni maħruġa.

Kontinwità u regolarità tal-attivitajiet

2. Informazzjoni dwar il-kontinwità u r-regolarità fit-tweqqif tal-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu kif stabbilit fil-punt 8 tat-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, inkluż:
 - (a) deskrizzjoni tal-proċeduri li jiżguraw kontinwità u regolarità fit-tweqqif tal-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, inkluża informazzjoni dwar l-applikabbiltà tagħhom għal fornituri ta' servizzi li lilhom ġew esternalizzati attivitajiet;
 - (b) it-tipi ta' testijiet ta' ppjanar tal-kontinwità tan-negozju mistennija li jsiru; kif ukoll
 - (c) il-frekwenza tat-testijiet.

Sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni

3. Informazzjoni rigward sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni kif stipulat fil-punt 8 tat-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, inkluż:
 - (a) l-identità tal-manijer superjuri responsabbli għas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni;
 - (b) deskrizzjoni tas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni inkluża kwalunkwe sistema ta' back-up; kif ukoll
 - (c) deskrizzjoni tal-kontroll effettiv u tal-arranġamenti ta' salvagwardja għas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni stabbiliti kif ukoll il-mekkaniżmi li jimmonitorjaw l-effettività tagħhom, inklużi dettalji tal-proċeduri stabbiliti biex tkun żgurata separazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni wżati sabiex jiġu rrapportati t-tariffi minn dawk aċċessibbli għall-analisti ta' klassifikazzjoni u li huma wżati biex jiddaħħlu klassifikazzjonijiet u informazzjoni dwar l-entitajiet ikklassifikati jew it-tranżazzjonijiet ikklassifikati.

ANNEX XI

UŻU TA' APPROVAZZJONI

(Artikolu 24)

Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz

1. L-informazzjoni li ġejja għal kull aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rilevanti minn pajjiż terz:
 - (a) l-isem sħiħ tagħha;
 - (b) l-istatus legali tagħha, inkluża silta mir-reġistru kummerċjali jew tal-qorti rilevanti jew forma oħra ta' evidenza tal-post tal-inkorporazzjoni u l-ambitu tal-attività tan-negozju jew dettalji oħra tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija;
 - (c) il-pajjiż ta' stabbiliment tagħha;
 - (d) l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tagħha;
 - (e) l-evidenza li l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz hija awtorizzata jew reġistrata u hija suġġetta għal supervizzjoni fil-ġurisdizzjoni rilevanti;
 - (f) il-klassi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu hija mistennija li taprova; kif ukoll
 - (g) l-għadd ta' analisti li timpjega.
2. Skeda organizzazzjonali tas-sjeda ta' kull aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, is-sussidjarji tagħha, il-fergħat, l-impriża ewlenija u s-sussidjarji kkontrollati mill-impriża ewlenija involuta fil-proċess tal-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet li għalihom hija prevista l-approvazzjoni.

Valutazzjoni tar-reġim regolatorju ta' pajjiż terz

3. Fir-rigward ta' informazzjoni ddetaljata tal-ġurisdizzjoni ta' kull pajjiż terz rilevanti, analiżi strutturata u motivi għal kull rekwiżit stipulat fl-Artikoli 6 sa 12 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, inkluża kwalunkwe referenza għat-taqsimiet rilevanti tal-liġi/regolament ta' pajjiż terz.

L-obbligu stipulat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt ma għandux japplika meta l-AETS tkun sodisfatta li r-rekwiżiti tar-reġim tal-pajjiż terz huma strinġenti daqs ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 6 sa 12 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

Proċeduri li jimmonitorjaw il-kodotta

4. Deskrizzjoni tal-miżuri stipulati mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-approvazzjoni għall-monitoraġġ li l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz qed tissodisfa dawn ir-rekwiżiti u għall-monitoraġġ ta' kwalunkwe tħassib potenzjali identifikat mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-approvazzjoni fir-rigward tal-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti.

Motivi oġġettivi

5. Indikazzjoni ta' motivi oġġettivi għal klassifikazzjonijiet tal-kreditu li għandhom jinħarġu f'pajjiż terz.

Leġiżlazzjoni fil-pajjiż terz

6. Evidenza li awtoritajiet pubbliċi mhumiex intitolati jinterferixxu fil-kontenut tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-metodoloġiji wżati mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu inkorporati f'kull ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz rilevanti.

ANNEX XII

INDIKATURI TA' IMPORTANZA SISTEMIKA

(Artikolu 28)

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha ttiprovdi lill-AETS bil-volum ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu pendenti li tkun ħarġet bid-dettalji stipulati fit-tabella li ġejja. L-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni korporattiva u l-klassifikazzjonijiet sovrani u tal-finanzi pubbliċi għandha tkun ipprovduta abbażi ta' għadd ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-informazzjoni dwar klassifikazzjonijiet ta' finanzjament strutturat għandha tkun ipprovduta abbażi tal-ammont (f'miljuni ta' euro) ta' ħruġ tal-istrumenti ta' finanzjament strutturati.

	Totali
Klassifikazzjonijiet korporattivi (għadd ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu)	
Istituzzjoni finanzjarja inklużi l-istituzzjonijiet tal-kreditu u d-ditti tal-investment	
Impriża tal-assigurazzjoni	
Emittent korporattiv li mhux meqjus istituzzjoni finanzjarja jew impriża tal-assigurazzjoni	
Klassifikazzjonijiet sovrani u tal-finanzi pubbliċi (għadd ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu)	
Klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati (ammont ta' ħruġ f'miljuni ta' euro)	

2. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha ttiprovdi informazzjoni dwar l-introjti annwali ġġenerati fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u f'pajjiżi oħra barra l-Unjoni Ewropea għal dawn l-aħħar 3 snin bil-livell ta' dettall li ġej:

	Stat Membru tal-UE 1	Stat Membru tal-UE 2	Stat Membru tal-UE 3	(...)	Pajjiżi oħra li m'humiex fl-UE	Totali
Attivitajiet ta' klassifikazzjoni						
Minn entitajiet ikklassifikati jew partijiet terzi relatati						
Minn abbonati						
Sorsi oħrajn						
Attivitajiet mhux ta' klassifikazzjoni						

Stati Membri għandhom ikunu identifikati individwalment.